MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2012

Talba Numru. 1513/2010

**Carmelo Bonett ID 321765 M**

**vs**

**Ambrose Licari ID 309769 M**

**It-Tribunal,**

**Ra** li t-TALBA tal-attur hi mfissra hekk:-

L-attur Carmelo sive Charles Bonett renda servizzi u xogholijiet ta’ *finishing* lill-konvenut gewwa l-proprjeta’ bin-numru 5 fi Triq Lwigi, Msida kif ukoll xtara materjal ghall-istess ghan ta’ *finishing* dejjem fuq talba ta’ l-istess konvenut.

Skond il-ftehim verbali bejn il-partijiet, l-attur kellu jithallas is-somma ta’ €100 + €18 VAT, total ta’ €118 ghal kull gurnata xoghol li jaghmel gewwa l-proprjeta’ imsemmija aktar ‘l fuq.

Peress li l-attur hadem ghal tlettax (13)-il gurnata gewwa l-istess proprjeta’ msemmija, l-ammont dovut lill-istess attur ghax-xogholijiet ta’ *finishing* jammonta ghal €1534.

U peress li l-materjal mixtri mill-attur ghall-istess skop ta’ *finishing* u xogholijiet mitluba mill-intimat jammontaw ghal €104 + €18.72 VAT, Total ta’ €122.72

Ghalhekk l-ammont globali dovut lill-attur jammonta ghal €1,656.72c

Il-konvenut, minkejja li gie debitament interpellat sabiex jersaq ghal likwidazzjoni u hlas dwar l-istess xogholijiet baqa inadempjenti

Ghalhekk il-konvenut qieghed jintalab ihallas lill-attur l-ammont ta’ elf, sitt mija u sitta u hamsin Ewro u tnejn u sebghin centezmi (€1,656.72c) rapprezentanti f’xogholijiet ta’ *finishing* u materjal forniti lill-konvenut fuq talba ieghu, liema xogholijiet saru gewwa l-proprjeta’ bin-numru 5 fi Triq Lwigi, Msida

Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet skond il-ligi sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li huwa ngunt min issa ghas-subizzjoni.

**Ra** r-RISPOSTA li fiha l-konvenut qal li m’ghandu jhallas xejn lill-attur.

## PROVI

A1 **L-attur** xehed li ghamel xoghol lill-konvenut, xi drabi ma huh David Bonett pero l-kawza tirrigwarda xoghol li ghamel wahdu fil-fond nru 5, Triq Lwigi, Msida. Hu fetah, naddaf u kahhal il-fili u ghamillu t-tank tal-ilma. Ha il-materjal biex ikun jista jitwahhal madum.

2 Minghand il-konvenut kien jithallas €100 kuljum, materjal apparti – pero dwar dan qatt ma thaddtu. Huh David kien ikun prezenti waqt ix-xoghol. Ftehim bil-miktub qatt ma kien hemm u qabel ghamel bicca xoghol lill-

konvenut u dan hareg ta’ ragel. Hu kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut.

3 In kontro-ezami, qal li fix-xoghol ta’ qabel thallas bl-istess rata. “Ezatt kemm ghamilt granet ta’ xoghol fuq il-post ma niftakarx”. La qatt ta u anqas qatt ma ntalab ricevuta. X’imkien ghandu miktub rendikont izda dan ma jafx fejn hu.

B1 **<u>David Bonett</u>** qal li hu u huh jahdmu flimkien u hu (x-xhud) hu habib tal-konvenut u kien qabbadhom jaghmlu xoghol ta’ “finishing” f’dar l-Imsida. Ix-xoghol kien ghaddej izda lejn l-ahhar qallu li ma kellux flus u talbu jistennew sa ma jaghmel kuntratt dwar id-dar u allura jkollu flus biex ihallashom. Fil-fatt il-kuntratt sar u l-konvenut lilu hallsu izda jaf li huh kien mar ghall-hlas “xi gimgha jew hmistax warajja u naf li nqala xi nkwiet u li l-konvenut kien qal li lil hija kien diga hallsu”.

2 Ix-xhud kien izomm notament tal-granet li jahdmu. Il-konvenut ma tantx kien imur fuq il-lant tax-xoghol. Hu kien ukoll izomm notament tax-xoghol ta’ huh. Gara li talli hadem hu, talab hlas lill-konvenut u dan hallsu izda safejn jaf hu, huh ma thallasx.

3 Billi fuq il-lant hu u huh kienu jkunu flimkien, jaf x’hadem dan. Jaf ukoll li kien hemm hlas ta’ materjal. Huma kienu jixtru u jzommu materjal fil-mahzen taghhom u fuq il-lant kienu jiehdu skond il-htiega. Jaf li l-attur kien ha xi njam u viti u oggetti ohra u ta’ dan baqa ma thallasx.

4 Bhala dok DB (*a fol* 18) esebixxa lista li fiha hemm granet u materjal dwar il-pretensjjoni ta’ huh. Hu ma jafx kemm il-konvenut hallas lil huh ta’ granet ta’ qabel izda jaf li hallashom. Il-ftehim kien “li jhallas mitt ewro lili u mitt ewro lil hija”. Ipprometta li jgib dokumentazzjoni dwar dan.

5 In kontro ezami beda biex qal li <u>d-dokumentazzjoni li weighed li jgib ma sabiex.</u> Pero l-konvenut ghandu kopja. Id-Dok DB kien f’idu qabel bdiet il-kawza. Spjega wkoll li b’dokumentazzjoni kien qed jifhem il-karti li kien ta lill-konvenut. Id-DOK DB hargu mill-*computer* u l-original

jifhem li ma zammux. Qabel li l-konvenut kien ihallas kull gimgha sa ma kien qallu biex jistenna, bhalma ga xehed. Ma jiftakrx hu ezattament xi thallas m'ghand il-konvenut u anqas sab dokumenti dwar dan, izda huma kienu jithallsu bir-rata fissa kull gurnata. Giet li hadem ma huh u giet li hadem wahdu,

6 Spicca jghid "Fuq il-mistoqsija jekk jiena thallastx kollox minghand Licari nghid li jiena qadt kwiet ghax kien hemm nies ohra nvoluti".

C1 **<u>Il-konvenut</u>** ikkonferma l-hbiberija tieghu mal-attur izda specjalment ma huh David Bonett li flimkien giet li ghamlu xi negozju. Dwar ix-xoghol li kien iqabbadhom, ftehmu fuq €100 kull jum kull wiehed, hlas fi flus kontanti, kull gimgha – l-iktar kull hmistax

2 Wara bicca xoghol fil-Mellieha, qabbadhom fuq bicca xoghol fl-Imsida – bl-istess rata u sistema ta' hlas. Dokumenti dwar il-hlas kien itihomlu David u kien ihallas fil-pront lit-tnejn. Izda David spicca li kellu jaghmel hu, xi tliet gimghat wara huh, l-attur.

3 David kellu jaghmel xoghol tal-elettriku u jarma l-kcina. Lil David hallsu ta' kollox; "jiena la hallast kollox lil David hallast kollox lil huh". Zied li la lil Carmelo kellu jtih inqas, allura kif hallas lil David zgur li hallas lil Carmelo, "Jiena meta hallast lil Carmelo s-somma kollha kien hemm David prezenti u kont ghidtilhom mela li jiena kollox lest". Xi gimgha wara kien cempillu bl-herra l-attur u qallu li kien fadallu jtih elf ewro.

4 Il-konvenut spicca jghid li lill-attur kien hallsu, anzi kien generuz.

5 In kontro-ezami, qal li kien David li spicca l-ahhar u mhux il-kuntrarju. Kienu jtuh il-karti separatament u hu kien ihallas. Qal li ma kellu jati xejn minn dak imnizzel fid-Dok DB. "Jiena nghid li d-dokument ivvintah". Billi kien jafdhom, ma kienx hemm ghalfejn li jkun fuq il-lant tax-xoghol kuljum. "Jiena ma zammejtx id-dokumenti li kienu jtuni peress li jiena kont inhallashom u ma kontx inzomm

id-dokumenti. Qatt ma nzomm ir-ricevuti rigwardanti l-materjal peress li jiena nkun hallasthom". Ghalkemm ma zammx dokumenti, jista jghid li d-Dok DB thallas, ghax hu hallas kollox.

6 Wara li xehed b'dal-mod, il-konvenut, meta xehed ulterjorment qal li sab, u esebixxa, zewg dokumenti: Dok AL1 u AL 2. Dok AL1 hu originali u juri l-granet li hadmu l-ahwa u nkiteb minn David Bonett. Dok AL2 hu kopja ta' dak preparat minn David Bonett ukoll. Nghatawlu meta spicca x-xoghol f'Marzu/April 2009 u hu hallas kollox.

7 Izda in kontro-ezami, qal li dawn id-dokumenti jirreferu ghax-xoghol ta' David. Ta Carmelo ma kellux ghax "kien David li jqabbad lil huh" u "meta nkun qed niftiehem ma David qisni qed niftiehem ma huh". Lill-attur kien ihallsu direttament u mhux permezz ta' David.

8 Ma jiftakarx li qatt talab lil David itih ftit zmien ghax kien nieqes mill-*cash.*

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>**

It-TRIBUNAL iqis kif gej:-

1. Tistaghgeb bil-mod kif kienu jitmexxew l-affarijiet bejn min ta x-xoghol fuq naha wahda u min hadem (il-haddiem) fuq nah'ohra. Kollox bil-fomm, dokumentazzjoni originali xejn, ricevuti xejn. Anzi daqqa jidher li l-konvenut qabbad liz-zewgt ahwa separatament ghal xoghol differenti izda komplimentari – jigifieri tikhil lill-attur u xoghol tal-elettriku u armar ta' kcina lil huh David Bonett, u mbaghad il-konvenut jghid li meta kien jiftiehem ma David qisu jiftiehem ma huh u fl-istess nifs dan qal li kien David li jqabbad lil huh (*ipsissimis verbis!)*

2. L-imprecizazzjoni kienet, naturalment, fuq iz-zewg nahat. Hawn ta' min iqis li ghalkemm *in sede civile* il-prova li jrid iressaq min jippretendi xihaga mhiex necessarjament li tkun lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli b'danakollu prova li tikkonvinci lid-decident irid ikun hemm, imqar fuq proponderanza ta' probabiltajiet (App

Kumm E. Zammit vs E. Petrococchino, 25.02.1952; App. Civ. Paul Vassallo vs Carmelo Pace, 5/3/1986 u App Civ 930/94 Dr. A. Galea Salomone noe vs Steven Satariano, 28.05.10). Il-Qorti tistenna l-"ahjar prova" izda dana mhux f'sens assolut izda skond ic-cirkostanzi (App Civ. John Borg vs Naz Ciappara, 07.12.83). B'danakollu l-attur irid jipprova dak li jallega (PA/RF Dr. H. Lenicker vs J. Camilleri, 31.03.1972)

3. Meta nigu ghall-hlas ta' debitu, meta l-allegat debitur jigi biex jipprova pagament, dubbju ragjonevoli ghandu jmur favur id-debitur ghax l-oneru tal-prova jibqa', wara kollox, fuq l-attur, mill-bidu sal-ahhar tal-kawza (App Civ 199/2005 John Patrick u Mary Carmen Haymen et vs Falzon Co Ltd dec 30.07.2010)

4. Kollox f'dal-kaz jirriduci ruhu ghal kwistjoni ta' kredibilita'. It-TRIBUNAL kif kompost sama hu x-xhieda tal-ahwa Bonett u tal-konvenut u jhoss li ghandu jistrieh fuq ix-xhieda tal-ahwa Bonett bhala aktar konvincenti u jaccettaha fis-sustanza taghha. B'dana izda, li gwidat mill-ekwita' kif statutorjament ghandu jqis, jirriduci l-*quantum* dovut ghal elf u mitejn Ewro €1,200.00

**DECIZJONI**

Meqjus dak kollu kunsidra hawn fuq it-TRIBUNAL jiddeciedi billi (1) **jichad** l-eccezjoni tal-konvenut b'dana li (2) **jaccetta** t-talba tal-attur fl-ammont ta' elf u mitejn Ewro (€1200) u (3) **jikkundanna** lill-konvenut biex ihallas lill-attur il-*quantum* ta' €1200 u (4) dan il-hlas irid isir fi zmien tletin (30) jum mill-lum u jibda jiddekorri l-imghax mill-wiehed u tletin (31) jum sal-pagament effettiv jekk il-pagament ma jsirx qabel u (5) bl-ispejjes tal-kawza jibqghu **bla taxxa** bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------